



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13092/19

ELARG 47
CFSP/PESC 788
RELEX 924
NT 12

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13058/19, 13059/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-attivitajiet ta' tħaffir illegali tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-attivitajiet ta' tħaffir illegali tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fl-14 ta' Ottubru 2019.

KUNSILL AFFARIJJIET BARRANIN

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR L-ATTIVITAJIET TA' TĦAFFIR
ILLEGALI TAT-TURKIJA FIL-LVANT TAL-MEDITERRAN

Fid-dawl tat-tkomplija tal-attivitajiet ta' tħaffir illegali mit-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran, il-Kunsill jafferma mill-ġdid is-solidarjetà sħiħa tiegħu ma' Ċipru, rigward ir-rispett tas-sovranità u tad-drittijiet sovrani tiegħu skont id-dritt internazzjonali. Ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Lulju fil-partijiet kollha tagħhom, u partikolarment li d-delimitazzjoni taż-żoni ekonomiċi esklużivi u l-blata kontinentali għandha tiġi indirizzata permezz ta' djalogu u negozjati b'*bona fide*, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u f'konformità mal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Il-Kunsill, fuq il-bażi tal-ħidma ta' tħejjija li diġà saret, jaqbel li tidħol fis-seħħ sistema qafas ta' miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi responsabbli mill-attività ta' tħaffir illegali ta' idrokarburi fil-Lvant tal-Mediterran, jew involuti fiha, u jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jippreżentaw malajr proposti b'dan il-għan.
